MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru. 599/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**ZVETLANA VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Zvetlana Vella, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 54090 (M).

**Akkuzata talli:**

Fid-disgha (9) ta` Dicembru 2010 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta` filghodu (10:30hrs) fi Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga:

1. B’nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b’nuqqas ta` tharris ta` regolamenti, ikkagunat offizi ta` natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta` Andrew Amato Gauci skont kif iccertifika Dr. Patrick Farrugia, MD reg. 2650 mill-isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet il-vettura BDL846 b’majiera bla kont, traskurata u perikoluza.

F’kaz ta` htija, il-prosekuzzjoni tablet gentilment lil dina l-Qorti li l-istess imputata tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

**Il-Qorti:**

Wara li ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li rat l-Artikoli 226 (a), 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 15 (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt dina l-Qorti hadet in konsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotta u wara li kkunsidrat illi l-*parte civile* soffriet feriti ta` natura gravi bhla konsegwenza ta` dan l-incident u wara li l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-partijiet, dina l-Qorti qiedgha tibbaza d-decizjoni taghha fuq ix-xhud indipendenti okulari Gerard Hazel White. Kwotazzjonijiet mix-xhieda tighu jitfghu dawl car fuq il-mekkanika ta` dana l-incident.

*“I was waiting in the traffic when this blue Volkswagen coming along and, all of a sudden, somebody walked straight into the side of it. The blue Volkswagen wasn’t speeding, it was just coming normally at 20/25 miles an hour, I estimate. It wasn’t very fast. I thought that, at first, he was looking for a parking spot, that was my first thought, no but it was only 25 at most, if that. It was very, very slow.”*

Fil-fehma tal-Qorti dina hija l-unika xhieda li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni stante illi dan huwa xhud okulari u indipendenti. L-uniku xhud li ra u seta` ra dak li kien qed jigri fil-mument.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijet dedotti kontra taghha mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------